"Dar Birzebbuga", Triq Santa Marija, Birzebbuga Tel : +356 21650165 ail: birzebbuga.lc@gov.mt

Motto : **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

*Minuti tas-seduta numru 14 tas-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa, li saret b'urgenza fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 28 ta ' Diċembru 2015 f'12.00 p.m.*

**Prezenti :**

| | |
|---|---|
| Kunsilliera | Kevin Barun (K.B.)<br>Joseph Cutajar (J.C.)<br>Joseph Baldacchino (J.B.)<br>Leanne Grech (L.G.)<br>Josette Busuttil (J.B.D)<br>Stanley Zammit (S.Z.) |
| Segretarju Eżekuttiv | Svetlick Flores (SF) |
| Ambaxxatur Lokali taz-Zaghzagh: | Scott Camilleri (SC) |
| Skużati | Herman Reuben Schiavone (HS) |
| Membri tal-pubbliku: | 0 |

---

**Agenda għal-laqgħa:**

1. Ingaġġ ta' impjegat/a
2. Aġġustament fil-kuntratt ta' ġbir ta skart domestiku

**Is-Sindku, s-Sur Kevin Barun flimkien ma' dawk preżenti qalu t-talba**

**Il-Kunsillier Hermann Schiavone talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta saħħa**

**14/1** **Ingagg ta' impjegat/a**

14/1.1 Is-Sindku informa li saru it-tieni intervisti maż-żewg kandidati. Huwa talab lis-Segretarju Ezekuttiv jgħti rendikont.

14/1.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Bord magħżul irrakkomanda unanimant li tintagħzel il-Kandidata is-Sinjura Gloria Abela.

14/1.1.2 Ghaldaqstant, is-Sindku KB ressaq mozzjoni sabiex tintagħzel il-Kandidata is-Sinjura Gloria Abela, issekondanta mill-Kunsilliera LG. Ittiehed vot bir-rizultat ikun kullħadd favur.

**14/2 Aġġustament fil-kuntratt ta' ġbir ta skart domestiku**

14/1.2 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li wara laqgħa mal-Kuntrattur tal-ġbir ta skart domestiku, sabiex jiġi diskuss il-ħlas dovut tal-ġurnata ta meta ser tinqata il-ġabra tal-borża is-sewda. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li hemm kuntratt li jrid jiġi onorat, u li ma jipprovdix għall-din il-kwistjoni, u għal daqstant irid isir isir ftehim aċċettat bejn iż-żewġ partijiet.

14/1.3 I-Sindku informa li l-kuntrattur m'aċċettax li jinqata il-ħlas kollu tal-ġurnata, iżda offra numru ta opzjonijiet li kolla jirriżultaw fi tnaqqas ta €55 kull ġimgħa.

14/1.4 Is-Sindku informa li saret diskussjoni ukoll rigward possibiltaċ li minflok, isir it-tbattit tal-kontenituri tal-iskart.

14/1.5 Is-Segretarju Informa li din l-opzjoni hija iktar vantaġġjuza għall-kunsill.

14/1.6 Il-Kunsill iddiksutu il-possiblta li jiġu introdotti skips, u t-tbatti taghom jibda ikun kopert mill-istess kuntrattur, iżda dwar din, il-Kunsill ma qabilx.

14/1.7 Wara diskussjoni libera il-Kunsill qabel li ix-xogħol ta' tbattil tal-kontenituri tal-iskart jibda isir mill-kuntrattur Salvu Mifsud, u dan temporanjament sal-iskadenza tas-sena tal-kuntratt.

14/1.8 Il-Kunsill qabel ukoll li jekk ma jintlahaqx ftehim aħjar, jikkunsidra li jirrevedi il-kuntratt.

**Il-Laqgħa intemmet fin-12.35 pm**

Kevin Barun
Sindku

Svetlick Flores
Segretarju Ezekuttiv

15/1/16
Data